KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 479 (9-22)

It-Tnejn 17 ta' Novembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal għal-laqgħa fil-18.18pm)
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fil-18.45m)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**479.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**479.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**479.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 478 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**479.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn korrezzjoni f'Minuti 470.13.3, kif ġej: Tinbidel 'rinnovament tal-bandli ta' Għar Lapsi park' u tiġi 'rinnovament tal-open gym fi Triq Mons. F.X. Mangion.'

**479.2.1.1** SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025).
Is-Sindku preżenta l-iskema kif imsemmija u talab lis-segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li din l-iskema tkopri il-85% tal-finanzjament u tiffinanzja massimu ta' €30,000 inkluż il-VAT. Il-15% ikunu koperti minn fondi lokali. Is-Sindku propona li għal din l-iskema, il-Kunsill japplika għall-rinnovament **tal-bandli ta' Għar Lapsi park**. bdil tal-makkinarju, bdil tas-safety flooring u bdil fis-sistema elettrika. Huwa qal li l-open gym huwa frekwentat minn nies ta' eta' differenti, minn żgħażagħ għal anzjani, u l-magni ilhom jiġu imsewwija għal diversi snin. Hu qal li din il-faċilita' għandha tinżamm f'kundizjoni tajba biex tħal-jjar in-nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku filwaqt li jgawdu l-arja nadifa u l-veduti sbieh tal-wied. Hu qal li it-trakka tal-ġiri tinsab f'kundizjoni tajba peress li milhiex li saret taħt skema oħra. Il-Kunsill unanimament qabel. L-iskema għandha tiġi sottomessa sad-29 ta' Lulju 2025.

**479.2.1.2** SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025).
Is-Sindku preżenta l-iskema kif imsemmija u talab lis-segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li din l-iskema tkopri il-85% tal-finanzjament u tiffinanzja massimu ta' €30,000 inkluż il-VAT. Il-15% ikunu koperti minn fondi lokali. Is-Sindku propona li għal din l-iskema, il-Kunsill japplika għall-rinnovament tal-open gym fi **Triq Mons. F.X. Mangion.** bdil tal-makkinarju, bdil tas-safety flooring u bdil fis-sistema elettrika. Huwa qal li l-open gym huwa frekwentat minn nies ta' eta' differenti, minn żgħażagħ għal anzjani, u l-magni ilhom jiġu imsewwija għal diversi snin. Hu qal li din il-faċilita' għandha tinżamm f'kundizjoni tajba biex tħajjar in-nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku filwaqt li jgawdu l-arja nadifa u l-veduti sbieh tal-wied. Hu qal li it-trakka tal-ġiri tinsab f'kundizjoni tajba peress li milhiex li saret taħt skema oħra. Il-Kunsill unanimament qabel. L-iskema għandha tiġi sottomessa sad-29 ta' Lulju 2025.
Il-Kunsill unanimament qabel.

**479.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**479.3.1** Preżentazzjoni Ktieb tat-tfal – Is-Siġġiewi
Is-Sindku preżenta żewġ kopji tal-ktejjeb lil kull kunsillier. Huwa qal li kull residenza hija intitolata tiġbor kopja b'xejn mill-uffiċċju u iktar kopji jistgħu jinkisbu għal €10.

**479.3.2** Tismija ta' triq rurali
Is-Sindku preżenta pjanta ta' trejqa ġdida fi Triq il-bajja ta' Għar Lapsi. Hu qal li l-Kumitat tismija tat-toroq qed jitolbu proposta għal isem ta' din it-triq. Hu propona li tissemma Triq ta' Bellula kif tidher fi pjanti tal-PA. Il-Kunsill unanimament qabel.

**479.3.3** Talba għall-sinjali sofor faċċata ta' Sqaq San Ġwann numru 3

Is-Sindku preżenta komunikat mill-Kunsillier Charles Vassallo rigward talba minn resident għall-linji sofor tul Triq San Ġwann faċċata ta' Sqaq San Ġwann numru 3. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba. Filwaqt li kkunsidra il-problema eżistenti ta' limitazzjonijiet ta' parkeġġi u li b'din it-talba jintilfu numru ta' parkeġġi eżistenti, b'detriment għal residenti oħra u anka għal sid il-garage fejn intalbu is-sinjali, il-kunsill qabel li l-aċċess mill-isqaq mhux impossibbli, anka meta tikkunsidra li t-triq hija kwieta u mhux traffikuża, u li naħa tat-triq diġà hemm linji sofor, ma jkunx hemm vetturi pparkjati u l-bankina hija baxxa u għalhekk tippermetti li jsir manuvrar. Il-Kunsill unanimament qabel li t-talba ma tintlaqax.

**479.3.4** Proġett tal-Enemalta - Street Lighting Retrofitting

Is-Sindku ppreżenta Ċirk AKL2025/066 dwar proġett tal-Enemalta biex jinbidlu 845 lampa fis-Siġġiewi għal tip LED. Hu qal li dan il-proġett ser jibda b'mod imminenti u l-lokalita' tas-Siġġiewi qegħda elenkata fis-6 post biex ix-xogħol pjanat jibda għal Frar 2026.

**479.3.5** Proposta ta' bankina Triq il-Kbira

Is-Sindku ppreżenta komunikat minn resident fi Triq il-Kbira li qed jipproponi bini ta' bankina minħabba ħsarat fil-gallarija tar-residenza tiegħu. Hu bagħat stima għal xogħol ta' estensjoni tal-bankina li ser jagħmel hu, biex issir mill-Kunsill, li tammonta għal €2368 (eskluż il-VAT). Is-Sindku qal li għalkemm qatt ma kien indikat li hemm spejjeż għall-kunsill, fil-kas li ma ssirx estensjoni mal-bankina quddiem id-dar tar-resident din mhux ser tkun kontinwa u tista' toħloq periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku talab li din ir-rata titqabbel mar-rata tal-kuntratt infrastrutturali tal-Kunsill u nimxu minn hemm.

**479.3.6** Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Lokali 2026

Is-Sindku ppreżenta l-allokazzjoni għas-sena 2026. Hu talab li fil-Minuti jkun hemm tabella bl-ammonti allokati fl-aħħar ħames snin.

| Sena | Total |
|---|---|
| 2026 | 898,543 |
| 2025 | 860,473 |
| 2024 | 965,493 |
| 2023 | 897,021 |
| 2022 | 889,478 |

Is-Sindku qal li tul is-snin tnaqqas ammont tal-Waste Tipping Fees li issa qiegħed direttament għand ir-Reġjun. F'items għal servizzi oħra bħal tindif u manutenzjoni ta' toroq, hu qal li l-ammonti baqgħu pjuttost l-istess.

Il-Kunsillier Charles Vassallo qal kemm hu importanti li l-kunsill japplika għal skemi finanzjarji addizzjonali biex isiru ċertu proġetti u xogħolijiet oħrajn. Hu qal li dawn jinvolvu ħafna xogħol amministrattiv addizzjonali.

Is-Sindku issospenda l-laqgħa minħabba intervent tal-pubbliku.

**479.3.7** Is-Sindku talab li l-laqgħa titkompla. Huwa rrefera għat-talba ta' żewġ itfal li ressqu x-xewqa tagħhom biex ikollhom aċċess għall-ground tal-futbol wara l-ħin tal-iskola. It-tfal qalu li staqsew lill-tal-futbol u qalulhom li l-grawnd ser ikun miftuħ waqt li huma jkunu l-iskola.

Ftehim dwar l-użu tal-Football ground

**479.3.8** Is-Sindku preżenta komunikazzjoni mill-President tas-Siġġiewi Football Club rigward is-sistema tal-bookings għall-użu tal-ground. Intbagħat ukoll li qed jipproponu sistema elettronika għall-aċċess u kellha tintbagħat stima, li għadha ma waslitx.

Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li prepara Google form għall-bookings u qegħda għall-approvazzjoni tal-Kumitat. Is-Sindku qal li l-ftehim diġà qiegħed in place u essaġġ m'hemmx x'wieħed japprova jekk hux formalita' u dettalji li għandhom jittieħdu għall-booking u għandu joħroġ avviż bl-iskeda fuq il-midja soċjali. Is-Sindku talab lill-Kunsillier biex jiffinalizzaw il-googleform ħalli nipproċedu għax issa diġà għadda iktar minn xahar mill-ftehim. Il-form għandha tkun faċilment aċċessibbli kemm għall-uffiċjali tal-Kunsill kif ukoll għall-amministrazzjoni tal-ground, biex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar effiċjenti.

**479.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**479.5 Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

479.5.1 Il-Viċi Sindku informa li l-proġett ta' konservazzjoni tal-istatwa ta' San Ġwann miexi sew u huwa pjanat li jkun lest sal-21 ta' Diċembru. Il-preparazzjoni għall-attività' il-Villaġġ ta' Nikola mixjin tajjeb ukoll fejn qed isiru l-aħħar preparamenti għat-13 ta' Diċembru. Huwa qal li saret laqgħa mal-Kap tal-iskola rigward inizjattivi edukattivi kulturali mal-iskola. Fil-laqgħa tas-Sotto-Kumitat tal-Kultura tqajjem il-punt li hemm bżonn manutenzjoni tajba lill-monument tat-Tabib Nikola Zammit u anke r-roundabout fejn jinstab. Huwa qal li l-ħarġa kulturali li jmiss hija żjara gwidata fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt. Qed isiru wkoll laqgħat frekwenti dwar il-pjan għat-turiżmu. Qal ukoll li l-ktieb għat-tfal ġie imqassam u bħalissa qed issir it-traduzzjoni għall-Ingliż.

479.5.2 Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li kompla t-tindif fit-toroq rurali u anke saret Triq il-Qrendi. Hu qal li qed naffaċjaw problema minħabba li ċertu toroq jirrikjedu uffiċjali biex isir it-tindif u minħabba f'hekk qed ikun hemm dewmien u spiża żejda kull darba. Hu qal li qed jikkoordina t-tindif tal-festa ta' San Nikola fil-5 ta' Diċembru u għall-Villaġġ ta' Nikola. Ingħata t-tilqim fejn kien hemm fuq 200 persuna u taw sehemhom ukoll studenti tal-mediċina. Hu irringrazzja wkoll żewġ voluntiera li dakinhar ġew jagħtu sehemhom. Ser jinġieb il-Cancer Research Unit fil-Pjazza għal testijiet b'xejn kif ukoll qed jikkoordina maċ-Ċentru tal-Anzjani għall-attivitajiet tal-Milied u anke attività' sportiva għall-anzjani mal-Iskola tas-St. Dorothy. Hu qal li flimkien mal-Iscouts tas-Siġġiewi saru l-attivitajiet tal-Waste Reduction Week fejn inġabru ammont ta' materji u anke apparat tal-WEEE.

479.5.3 Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo qalet li saret laqgħa mal-Kap tal-iskola rigward inizjattivi edukattivi kulturali mat-Tfal u anke mal-Ekoskola, fejn qed jikkoordinaw ukoll attività' ta' qari minn anzjani lit-tfal fil-ħin tal-iskola. Hi qalet li saret it-tnedija tal-ktieb tat-tfal li intlaqa' tajjeb ħafna u anke qed issir traduzzjoni bl-Ingliż. Saret laqgħa mal-iskola wkoll dwar il-proġett tal-Mobility tal-walking bus u infrastruttura ġdida għas-sigurtà' tat-tfal biex jimxi lejn l-iskola u għalhekk jitnaqqas it-traffiku. Qalet li qed tistħarreġ dwar l-inizjattiva school grannies. Hija qalet li l-Kunsill irċieva invit għat-tfal biex jipparteċipaw fil-peace march. Bħala inizjattiva għall-festa tat-tfal tal-5 ta' Diċembru ser jitqassmu bnadar żgħar bi tpinġija ta' San Nikola, l-istess disinn li ntuża fil-ktieb. Fis-27 ta' Novembru ser issir żjara fis-shelters għat-tfal tal-Eko-skola u l-year 5s. Saret ukoll l-attività' tal-qtugħ taż-żebbuġ mit-tfal tal-iskola u anke mill-iscouts. Hija qalet li ż-żebbuġ ittieħed għall-għasir u ser jitpoġġa fi fliexken, li ammont minnhom ser jinbiegħu fl-attività' tat-13 ta' Diċembru fil-qliegħ għad-Dar tal-Providenza.

479.5.4 Il-Kunsillier Albert Pace qal li saret laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu rigward pjanijiet għal Għar Lapsi. Hu qal li iktar dettalji jingħataw ' il quddiem. Informa li f'Diċembru ser jitbiddlu il-bankijiet kollha tat-triq. Huwa staqsa jekk hemmx xi aġġornament rigward il-proġett tad-dawl tal-parking area għax ma sema xejn wara l-laqgħa. Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda aġġornament wara l-laqgħa. Il-Kunsillier Pace qal li hemm ħsarat fil-passaġġi li jieħdu għal baħar in-naħa tal-għar u hemm bżonn li

għas-sajf li ġej jerġgħu isiru u jogħlew. Hu qal li hemm bżonn insistenza biex isir il-proġett tal-moll, għalkemm għandu informazzjoni li l-iżviluppaturi talbu li għalissa ma jsirx xogħol tal-blat biex imbagħad isir xogħol b'mod kontemporanju. Hu qal li hemm talba min negozji tal-bajja biex it-trasport jibqa' jiġi offrut, u saret talba lil MPT iżda qed tiġi diskussa.

479.5.5

Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li sar it-tournament tal-futbol mar-Reġjun Punent, u issa qed isir il-koordinament tal-End of Year Race fit-28 ta' Diċembru.

479.5.5.1

Rigward l-End of Year Race, is-Sindku qal li ġie avviċinat minn dilettant tar-roti li ippropona inizjattiva bir-roti mal-istess attività'. Hu qal li bħala idea mhix ħażina, anka peress li l-loġistika tkun kollha lesta u għalhekk ma jsirux spejjeż żejda. Hu qal li ser issir laqgħa ħalli jkun hemm iktar diskussjoni.

479.6

**Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

479.6.1

Vjal Kulħadd
Is-Sindku nforma li l-proġett miexi b'ritmu tajjeb. Issa l-istorm water catchment lest. Dan ser iservi biex l-ilma tax-xita jiġi dirett lejn il-wied. Bdew il-kurduna tan-naħa tal-belvedere li qed issir kollha ġdida. Saret ukoll tiswija ta' parti mit-triq fis-service road li sfrondat u li kienet ta' periklu. Is-Sindku qal li ser jibqa' jaġġorna fuq dan il-proġett u qed itella' wkoll l-informazzjoni ta' aġġornament fuq il-midja soċjali biex jinforma lir-residenti.

479.6.2

Reading Garden
Is-Sindku qal li l-proġett miexi b'ritmu tajjeb. Hu pjanat li jkun lest sal-ewwel kwart tas-sena 2026. Dan il-proġett qed isir mill-kuntrattur tal-kunsill u ser jiġi rifuż minn project Green.

479.6.3

Toroq u xogħol tal-Enemalta
Is-Sindku qal li l-proġett tal-Enemalta wasal lejn Triq l-Imwieġel lejn Triq Lapsi. Qed isegwi u jintbagħtu komunikati biex malli tingħalaq it-trinka isir il-wiċċ u sussegwentement isiru wkoll il-marki tat-traffiku. Hu qal li wkoll talab biex Triq ir-Rebbiegħa jingħata l-wiċċ bl-asphalt bejn trinka li saret milux u t-trinka li saret issa. Hu qal li beda x-xogħol ukoll fit-Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, fejn bħalissa it-triq ingħalqet direzzjoni waħda, Triq ta' Għar Lapsi ssir fl-ewwel xhur tas-sena u ser tingħalaq kollha. Is-Sindku qal li huwa infurmat minn Infrastructure Malta li minflok Triq Blat il-Qamar kif kien pjanat, ser jibda x-xogħol fi Triq Bur il-Kbir.

479.6.4

Proposta tat-traffiku Pjazza San Nikola, Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu
Is-Sindku informa li qed isegwi ma' Transport Malta fejn intbagħtu diversi kjarifiċi. Il-Kunsillier Albert Pace talab li jkun ikkupjat f'dawn il-komunikati.

479.6.5

Proġett tħawwil ta' siġar f'Bur il-Kbir
Is-Sindku informa li bħalissa għaddej ukoll xogħol relatat mal-iskema ta' tħawwil ta' siġar fi Triq Bur il-Kbir. Dan għandu jkun finalizzat sal-aħħar tas-sena. Huwa qal ukoll li qed isir koordinament ma' Ambjent Malta għal għotja ta' siġar biex jitħawlu fi Triq Salvu Borg Olivier faċċata tal-ġnien mat-tul kollu.

479.7

**Sejħa għall-Impjieg ta' Clerical Officer – Customer Care (Scale 15) – ħatra tal-bord**
Is-Sindku talab li jiġi kkonfermat il-Bord tal-Għażla magħmul minnu bħala Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Christopher Farrugia, minority leader u s-Segretarju Eżekuttiv bħala membru ex-officio. Hu qal li mill-lista tal-Jobsplus daħlu żewġ applikazzjonijiet eliġibbli. Id-dati tal-interview għall-dawn iż-żewġ applikanti hija l-24 ta' Novembru 2025.

479.8

479.8.1 **Kontinwazzjoni tal-Online Permit System for Local Councils**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li is-sistema online tal-permessi (localpermits.gov.mt) mhix ser tibqa ffinanzjata direttament mid-DLG. Hija qalet li din is-sistema indrat tajjeb u f'sena jiġu proċessati qrib il-5000 permess mill-Kunsill tas-Siġġiewi. Hija preżentat stima biex tiġi mġedda din is-sistema ta' bejn €3000 u €3500 fis-sena, skont l-ammont ta' permessi li jinħarġu. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li la darba sistema hija effiċjenti u taqdi tajjeb il-bżonnijiet tal-Kunsill, tissuġġerixxi li nibqgħu naħdmu biha u allura tiġi imġedda. Il-kunsill lokali ddiskuta l-proposta. Meta tqies li s-sistema kienet użata b'mod estensiv matul is-snin li għaddew u wriet li hija effiċjenti u effettiva għall-ħruġ tal-permessi u servizzi relatati, ġie approvat unanimament li tiġi mġedda l-istess sistema

479.8.2

B'referenza, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali flimkien mal-IMU bdew eżerċizzju fil-Kunsilli Lokali u reġjuni biex titjieb l-infrastruttura tan-Networks. Hija qalet li bħalissa qed isir assessjar tal-bżonnijiet ta' kull uffiċċju biex jitħejja pjan. Dan il-proġett ser ikun iffinanzjat u ċċertifikat kollu mill-IMU.

479.9

**Ċirk AKL 2025/065 - Skema ta' Fondi - Inizjattivi ta' Mobilità Attivà u Sostenibbli**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nfetħu l-applikazzjonijiet biex jinkisbu fondi għal inizjattivi relatati mal-mobilità attiva u sostenibbli. Bħalissa l-Kunsill għandu żewġ proġetti taħt dan il-fond pendenti kif ħa tispjega il-quddiem. Għalhekk, tissuġġerixxi li għalissa, l-aħjar li jiġu attwati u magħluqa dawk pendenti qabel issir applikazzjoni oħra tal-istess natura.

479.10

**Skema tal-LESA – Proġetti fil-Komunitajiet**

Is-Sindku preżenta komunikat mil-Lesa rigward skema ġdida 'proġetti fil-Komunitajiet – programm 2024-2026'. Huwa qal li bħalissa l-Kunsill għandu diversi proġetti infrastrutturali għaddejjin, u ippropona li l-Kunsill japplika għal żewġ vetturi li l-Kunsill għandu bżonn għal operat aħjar, iktar effiċjenza u effettivita' fil-qadi tad-dmirijiet. Is-Sindku qal li hemm bżonn vann għall-ħaddiema ta' barra għall-ġarr ta' materjal u qadi ta' xogħolijiet ta' kuljum, li bħalissa nagħmlu użu minn vettura privata tal-ħaddiema u vettura żgħira għal spezzjonijiet tax-xogħolijiet, anke fiż-żona rurali vasta tas-Siġġiewi. Dawn għandhom ikunu elettriċi għal sostenibbiltà' u anke peress li diġà teżisti l-faċilita' biex jistgħu jiġu ċċarġjati quddiem iċ-ċentru ċiviku. L-iskema tkopri it-80% tal-ispiża filwaqt li l-bilanċ ta' 20% ikun kopert minn fondi lokali. L-applikazzjoni tagħlaq fil-5 ta' Diċembru 2025 Il-Kunsill unanimament qabel.

479.11

**Proġetti Pendenti – Permanent Sustainable Mobility (TM)**

Is-Sindku qal li saret laqgħa ma' Transport Malta rigward żewġ proġetti pendenti li għandu l-Kunsill u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hemm żewġ proġetti pendenti:

479.11.1

Cycling Project (2023), dan il-proġett wara ħafna żmien ta' kjarifiċi u modifikazzjoni ma' Transport malta kellu jiġi miżmum minħabba li konna nfurmati li fiż-żona ta' Triq il-Mitjar ta' san Niklaw kien hemm il-proġett estensiv tal-Enemalta, u għalhekk minħabba ċ-ċirkostanzi ma setax jibda. Transport Malta talbu biex niktbu ħalli jkollna permess biex dan il-proġett jiġi miżmum sakemm jitlesta dan ix-xogħol u ma jintilfux il-fondi.

479.11.2

Proġett School2Walk (2024) li kien ġie applikat mal-NGO Aegle Foundation li mingħajr ma kien avżat il-Kunsill skopra li din l-NGO m'għadiex operattiva. Hija qalet li qabel il-vaganzi tas-sajf, kienu bdew it-taħdidiet mal-Kap tal-iskola fuq kif ser nipproċedu iżda mbad inqata l-kuntatt. L-iskop ta' dan il-proġett huwa biex niffaċilitaw li it-tfal jitilgħu liskola bil-mixi u għalhekk jitnaqqsu l-vetturi, bil-problemi kollha li jġibu magħhom, minn ħdejn l-iskola. Hija qalet li issa, wara laqgħa ta' kjarifika ma' TM, nistgħu nipproċedu u ġie ssuġġerita ukoll li nidħlu fi skema ta' school grannies mad-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva'bħala parti minn din l-inizjattiva.

Bħalissa il-Kunsilliera Stephanie Vassallo qed tikkoordina kemm mad-dipartiment kif ukoll mal-iskola biex tinħareġ sejħa għal anzjani interessati.

479.12

**Għotja ta' AED mir-Reġjun Punent**

Is-Sindku informa li ser tinxtara AED iffinanzjata mir-Reġjun Punent b'valur ta' €1877. Hu qal li din ser tkun unit fuq barra u talab li jinstab l-iktar post adattat biex titwaħħal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din għandha tkun f'post ċentrali u fejn jintlaħaq faċilment u allura jinstab post maċ-Ċentru Ċiviku qrib fejn ġie installat il-monitor.

479.13

**Ktieb tat-tfal 'Is-Siġġiewi' – Pubblikazzjoni ta' verżjoni bl-Ingliż**

Is-Sindku informa li ġew approvati €3000, fondi kultura, mir-Reġjun Punent għat-traduzzjoni għall-Ingliż u ppublikar tal-ktieb tat-tfal Is-Siġġiewi. Il-proġett għandu jkun lest sal-aħħar tas-sena.

479.14

**Assenjar ta' posta/kiosk tal-ġugarelli għall-Festa San Nikola**

Is-Sindku rrefera għal talba biex titpoġġa posta/kiosk tal-ġugarelli fil-festa f'Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra. Hu qal li ra l-qisien fuq il-post u m'għandux ikun hemm problema biex titpoġġa kiosk addizzjonali kif mitlub. Il-Kunsill qabel li għal festa li ġejja jista' jinħareġ permess kif indikat.

479.15

**Attivita' għall-istudenti tal-year 6 (skola primarja) f'żona storika fis-Siġġiewi (Marzu / April 2026)**

Is-Sindku qal li bħala proġett kulturali flimkien mad-dekasteru kultura qed jiġu proposti: ħarġa f'post kulturali lill-istudenti tas-6 sena tal-Iskola Ġuże' Delia, idejalment bħala l-ħarġa tal-farewell, u stejjer u rakkonti edukattivi minn persuni rakkomandati u intiżi fi snajja, tradizzjoni, kultura u storja tas-Siġġiewi. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din l-inizjattiva.

479.16

**Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

479.16.1

Is-Sindku iddikjara konflitt f'applikazzjonijiet: PA06973/25, PA7003/25, PA6868/25, PA4098/25, PA3937/25, PA6657/25.

479.16.2

PA06700/25

Il-Viċi Sindku , il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni PA06700/25 *'To sanction development carried out without a permit post 1978; To demolish/dismantle existing nissen huts and replace them with a covered manure clamp and cesspit and a roofed arena; to rehabilitate existing structures and turn them into stables, equine therapy swimming pool and hay storage; to replace dilapidated concrete roofs; to propose a new kitchen for fundraising events within an existing structure; to propose new stables and paddocks.'*. Fir-rigward ta' demolizjoni ta' nissen huts, strutturi militari ta' żmien l-ingliżi, il-Kunsill saqsa jekk hemm xi protezzjoni fuqhom u jekk hemmx xi informazzjoni dwar dan. Intalab li tintalab din l-informazzjoni lill-Perit tal-Kunsill u tintbagħat l-ittra ta' rappreżentazzjoni.

479.17

**Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

479.18

**Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

479.19

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**479.20**

**Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Q3 (Lulju – Settembru 25)**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena. Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**479.20.1**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li issa bdiet tagħlaq l-accounts tal-aħħar kwart tas-sena, fejn diġa' bdiet tirċievi komunikati mid-DLG bi preparazzjoni għall-awditjar tas-sena 2025. L-awditjar mistenni jibda għal Marzu 2026.

**479.21**

**Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**479.21.1**

Il-Kunsillier Albert Pace qal li jirċievi ilmenti rigward dlam f'Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra. Hu qal li l-4 fanali ma jixgħelux. Is-Sindku wieġeb li hemm ħsara fis-sistema u trid tinbidel kollha. Hu qal li qed inġibu stima u anka disinn jew possibbilment sample għal dawl solari, iżda ma jafx kemm dawn ikunu effettivi għal mal-arbli eżistenti.

**479.21.2**

Il-Kunsillier Albert Pace semma n-niżla wieqfa mill-Buskett lejn Għajn il-Kbira u talab li jsir xi tip ta' scarifying biex ma tkunx tiżloq. Is-Sindku qal li diġà saret talba lil Infrastructure Malta u ser isegwiha.

**479.21.3**

Il-Viċi Sindku qal li hemm siġra tal-pal tal-bajtar ġo għalqa privata li qed tikber għat-triq u tostakola bankina fi Triq is-6 ta' Diċembru. Hu qal li idealment jiġi ikkuntattjat is-sid biex jiżbor is-siġra u jtella ċint. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex jekk hemm xi residenti għandhom informazzjoni tas-sid jgħadduh l-amministrazzjoni.

**479.21.4**

Il-Viċi Sindku qal li avviċinawh xi bdiewa li rċevew komunikat li ser titwessax t-Triq tal-Bajjada. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar dan u l-aħjar jikkuntattjaw lil min bagħat l-ittra.

**479.22**

**Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |